MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 457/2001/1

**Socjeta' ALU.CARE MOSTA u b'digriet tad-19 ta' Awissu 2008 l-isem tas-socjeta' attrici inbidel ghal "ALU.CARE MOSTA LIMITED"**

**Vs**

**Marija Pullen u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2002 gie kjamat in kawza William Pullen**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaleix ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta' sitt mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm620.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u materjal ta' aperturi tal-aluminium maghmul ghal konvenuta u kkonsenjat lill-konvenuta mis-socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu tal-konventa; bl-imghax mit-tnax (12) ta' Jannar, 2001 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali

tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Frar, 2001, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, il-gudizzju mhux integru stante illi l-konvenuta hija mizzewga.
2. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante illi x-xogholijiet ma sarux sodisfacentement kif tirrikjedi s-sengha u l-arti.
3. Illi l-konvenuta ghamlet kuntatt diversi drabi mas-socjeta’ attrici sabiex igib a konjizzjoni taghha li x-xoghol ma tlestiex ghas-sodisfazzjoni tal-konvenuta, u dan qabel ma nbdew kwalunkwe proceduri legali, izda din giet injorata ghal kollox.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-digrieti Taghha hawn fuq imsemmija (fol 12 u fol 54 et seq tal-atti) kif ukoll dak verbalizzat a fol 15 ibid in rigward l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza.

Rat id-digrieti Taghha (fol 15 u fol 21 ibid) u li, permezz tal-ahhar wiehed gie nominat bhala espert tekniku l-AIC David Pace.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert nominat (fol 41 et seq ibid) kif ukoll fol 48 u fol 51 ibid.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tas-socjeta’ attrici.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni ghandha ssir referenza ghad-digriet gja msemmi u li bih gie kjamat fil-kawza, r-ragel tal-konvenuta William Pullen u ghalhekk din l-eccezzjoni giet sorvolata w il-gudizzju ghandu jigi konsiderat bhala integru.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-meritu tal-kawza w il-eccezzjonijet rimanenti sottomessi mill-konvenut u l-kjamat fil-kawza zewgha, mill-provi risultaw is-segwenti fatti:-

a) L-istess konvenuta u zewgha kienu inkarigaw lis-socjeta' attrici sabiex jfornu u jesegwixxu xogholijiet ta' aluminju fir-residenza taghhom fl-Imgarr. Dwar l-istess inkarigu ghandha ssir referenza ghad-dokument markat <u>Dok A1</u>, anness mal-imsemmija relazzjoni u li fih hemm id-deskrizzjoni tax-xogholijiet li ghandhom jigu esegwiti bil-'quotation' relattiva. Jidher minn dan id-dokument illi l-valur tal-istess xogholijiet kienu jammontaw ghal Lm2130.00 ma' liema somma ghandu jizdied l-ammont ta' Lm319.50 bhala Taxxa fuq il-valur mizjud.
b) Fost l-istess xogholijiet kien hemm zewg aperturi konsistenti f'bieb kbir u tieqa fil-kcina u jidher li filfatt, il-kontestazzjoni fil-meritu tirreferi ghal dawn l-aperturi billi qed jigi allegat li huma difettuzi u ghalhekk il-konvenuta qed tirrifjuta li thallas il-bilanc mitlub fl-avviz.
c) Dwar dawn l-ilmenti, l-espert tekniku ssottometta illi l-konvenuta hi gustifikata tilmenta <u>biss</u>, in rigward l-imsemmi bieb, kif hemm indikat fil-paragrafu (6) tal-istess relazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-espert tekniku issottometta ulterjorment, illi s-socjeta' attrici ghandha tinghata l-opportunita sabiex tirrimedja, hi stess, id-difetti fl-istess bieb.

Illi, pero, din il-Qorti ma' tistax tara kif din is-sottomissjoni tista' tigi akkolta Minnha. Difatti hi tara illi Hi tista' taghti wiehed (1) minn zewg (2) rimedji kif ser jinghad:

a) Jew Tiddikjara li l-ammont mitlub ma hux dovut u dan wara li tara kemm hu l-valur tad-difetti in proporzjoni ma' dak totali tal-appalt in esami.
b) Jew mill-ammont mitlub Tnaqqas il-valur tal-istess difetti.

Illi, in rigward dan il-punt, il-Qorti trid tikkonsidra jekk il-valur tad-difetti hux parti sostanzjali ta'dak tal-appalt kollu.

F’dan il-kaz, l-espert tekniku (fol 48 u 51 et seq ibid) issottometta illi fl-opinjoni tieghu id-difetti fl-istess bieb huma kollha rimedjabbli fis-sens illi ma hemmx il-htiega li jinbidel il-bieb kollu anzi _ma eskludiex il-possibilta li l-istess difetti jigu rimedjati_. Dwar dan u fi kliemu stess, hu qal “… li fl-opinjoni tieghu minn dak li rajt, il-bieb “as such’ m’ghandux jinbidel. Fil-qasir jiena nghid li €250 huma sufficjenti sabiex is-sitwazzjoni kollha tigi rimedjata vis-à-vis id-difetti”.

Ikkunsidrat

Illi l-valur tad-difetti certament, ma hiex parti sostanzjali, tal-valur tal-appalt in esami. Konsegwentement, il-Qorti ma’ tarax ili ghandha takkolji l-ewwel (1) rimedju kif hawn fuq spjegat. F’kaz li dan kien jigi akkolt, il-Qorti tara li kellha tiddikajra din l-azzjoni bhala intempestiva u dan sakemm is-socjeta’ attrici, hi stess, tirranga d-difetti. Ghalhekk, jkun opportun li tigi applikata t-tieni (2) alternattiva, kif hawn fuq spjegata billi bil-bilanc mitlub, jitnaqqas il-valur tad-difetti, kif stmata.

Illi l-ammont mitlub hu ta’ Lm620.00 ossija €1444.21 u bi tnaqqis tal-ammont ta’ €250, hemm bilanc ta’ €1194.21 li jirrisulta li ghadu dovut f’dan il-kaz.

Illi in rigward l-imghaxijiet dovuti, jidher car li dan il-kaz trattasi ta’ wiehed ta’ natura civili u mhux kummercjali u b’hekk, dawn ghandhom jkunu dovuti mid-data tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa “in parte” it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta u l-kjamat fil-kawza sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm512.67 ossija €1119.21 bl-imghax legali mit-23 ta’ Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes kollha, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal hamest minn sitta (5/6) mill-konvenuta u kjamat fil-kawza, kwantu ghal wiehed minn sitta (1/6) mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------